STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 115/23
il-Lussemburgu, 6 ta' Lulju 2023

Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi C-8/22 | Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (Refuġjat li wettaq delitt serju), C-663/21| Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl (Refuġjat li wettaq delitt serju) u C-402/22 |Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Delitt partikolarment serju)

# Revoka u rifjut ta' status ta' refuġjat: il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' tali miżura fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz ikkundannat għal delitt

*B'mod partikolari, il-persuna kkonċernata għandha tikkostitwixxi theddida reali, attwali u serja biżżejjed għal interess fundamentali tas-soċjetà u d-deċiżjoni għandha tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità*

Il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita bi tliet talbiet għal deċiżjoni preliminari distinti, fil-kuntest ta' kawżi (fil-Belġju, fl-Awstrija u fil-Pajjiżi l-Baxxi) bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi u awtorità nazzjonali. B'mod iktar preċiż, dawn huma kontestazzjonijiet ta' deċiżjonijiet ta' rtirar jew ta' rifjut tal-istatus ta' refuġjat fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ikkundannati għal delitt meqjus mill-awtoritajiet kompetenti bħala partikolarment serju.

Din il-possibbiltà ta' revoka/rifjut hija prevista mid-dritt tal-Unjoni Ewropea [1] fil-każ fejn, wara li kienet is-suġġett ta' kundanna finali għal delitt "partikolarment serju", il-persuna kkonċernata tikkostitwixxi theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li fih hija tinsab.

Fil-kawża C-8/22, id-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju) jirrigwardaw ir-rabta bejn kundanna definittiva għal delitt partikolarment serju u l-eżistenza ta' theddida għas-soċjetà, kif ukoll il-portata u l-estensjoni tal-eżami tal-eżistenza ta' tali theddida.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-eżistenza **ta' theddida għas-soċjetà** tal-Istat Membru li fih ikun jinsab iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat **ma tistax titqies li tiġi stabbilita minħabba s-sempliċi fatt li dan ikun ġie kkundannat fl-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju**. Fil-fatt, miżura ta' revoka hija suġġetta għall-**issodisfar ta' żewġ kundizzjonijiet distinti** li jirrigwardaw, minn naħa, li ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz ikun ġie kkundannat fl-aħħar istanza għal delitt partikolarment serju **u**, min-naħa l-oħra, li jkun ġie stabbilit li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkostitwixxi theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li fih huwa jinsab.

Hija tippreċiża li l-miżura ta' revoka kkontestata tista' tiġi adottata biss meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jikkostitwixxi theddida **reali, attwali u sufficjentement serja** għal interess fundamentali tas-soċjetà tal-Istat Membru li fih jinsab. Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid **li hija l-awtorità kompetenti** li għandha twettaq, għal kull każ individwali, evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha ta' dan il-każ.

[1] L-Artikolu 14(4)(b) u artikolu 5 tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

Meta ż-żewġ kundizzjonijiet previsti mid-dritt tal-Unjoni jkunu ssodisfatti, Stat Membru għandu l-possibbiltà li jirrevoka l-istatus ta’ refuġjat **mingħajr madankollu ma jkun obbligat jeżerċita din il-possibbiltà**: din għandha tiġi eżerċitata b’osservanza, b’mod partikolari, tal-prinċipju ta’ **proporzjonalità**.

Huwa preċiżament fid-dawl ta’ dan il-prinċipju u tal-ibbilanċjar neċessarju tal-interessi tar-refuġjat u ta’ dawk tal-Istat Membru fid-dawl tat-theddida li l-persuna kkonċernata tista’ tirrappreżenta għas-soċjetà li l-Qorti Amministrattiva (l-Awstrija) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-663/21.

Fir-rigward ta’ dan l-ibbilanċjar, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li r-revoka tal-istatus ta’ refuġjat hija suġġetta għall-fatt li jiġi stabbilit, mill-awtorità kompetenti, li tali miżura tkun **proporzjonata fir-rigward tat-theddida li jirrappreżenta ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikkonċernat** għal **interess fundamentali tas-soċjetà tal-Istat Membru** li jinsab fih. Madankollu, hija tippreċiża li din l-awtorità kompetenti ma hijiex obbligata tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest ta’ dan l-ibbilanċjar, il-portata u n-natura tal-miżuri li għalihom dan iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikun espost fil-każ ta’ ritorn lejn il-pajjiż ta’ oriġini tiegħu.

Fl-aħħar nett, fil-kawża C-402/22, il-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi) jistaqsi espressament lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta’ “kundanna finali għal delitt partikolarment serju” u jistaqsi fuq liema kriterji delitt jista’ jiġi kkunsidrat bħala tali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva f’dan ir-rigward li miżura ta’ revoka/rifjut tista’ tiġi applikata biss għal ċittadin ta’ pajjiż terz ikkundannat fl-aħħar istanza għal delitt li l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu jippermettu li jitqies li jkun ta’ **gravità eċċezzjonali**, sa fejn **jagħmel parti mid-delitti li l-iktar jippreġudikaw l-ordinament ġuridiku tas-soċjetà kkonċernata**. Dan il-grad ta’ gravità ma għandux, barra minn hekk, jintlaħaq bil-ġabra ta’ ksur differenti li ebda wieħed ma jkun jikkostitwixxi, bħala tali, delitt partikolarment gravi. L-evalwazzjoni tal-imsemmi grad ta’ gravità tinvolvi **evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha** speċifiċi għall-każ inkwistjoni, bħal, b’mod partikolari, in-**natura** u l-**quantum** tal-piena mġarrba u a fortiori tal-piena imposta, in-**natura tad-delitt** imwettaq, ċirkustanzi mitiganti jew aggravanti eventwali, in-natura intenzjonali jew le tad-delitt, in-natura u l-firxa tad-dannu kkawżat mill-imsemmi delitt jew ukoll in-natura tal-proċedura kriminali applikata biex trażżan l-istess delitt.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ u s-sunt tas-sentenzi (C-8/22, C-663/21 u C-402/22) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite” ✆ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!